**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 307/21 AL

A B

vs

C D

(MR Number 1276/2008)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fid-disgha (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u trnienja (2008) kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom wild wiehed, u E D li twieled fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) li

huwa minorenni, kif jirriżulta mill-anness Certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok B;

3. Illi l-istess Partijet isseparaw legalment minn xulxin pemezz tal-att tan-Nutar Jean Carl Debono ppubblikat nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) hekk kif jirrizulta mill-kuntratt ta' seperazzjoni mmarkat bhala Dok C;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu u inoltre iz-zewg partijiet qed jghixu hajja indipendenti minn ma' xulxin;

5. Illi l-partijiet iddekadew definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u/jew jottjenu manteniment minghand xulxin, liema rinunzja hija definittiva u rrevokabbli u dan skond lanness kuntratt ta' separazzjoni personali (ara klawsola 3 ta' Dok C);

6. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment mill-komparenti ragel fil-konfront tal-minuri;

7. Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta, ghalhekk huma sodisfatti, peress li jeiistu ragunijiet biiiejjed ai termini tal-ligi, sabiex iz-zwieg odjern jigi mahlul.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija d-divorzju, liema zwieg kien ikkontrattat partijiet nhar id-disgha (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (09-08-2008) u tiddikjara partijiet huma divorzjati ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsekk Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona :

1. Illi fl-ewwel lok jinghat li mhux kontestat li l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Awwissu 2008 u li sseparaw legalment minn xulxin permezz tal-att tan-Nutar Jean Carl Debono ppubblikat nhar id-29 ta' Ottubru 2018;
2. Illi l-esponent jaqbel ukoll li ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti minnu lill-ulied minuri li huwa dejjem ihallas il-manteniment hekk dovut;
3. Illi l-esponent jabel ukoll illi m'ghad hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejnu u r-rikorrenti;
4. Illi l-esponenti ghaldaqstant, ma jopponix ghat-talba ghall-ottjeniment tad-divorzju, ghalkemm jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent f'dal istadju, a savju gudizzju ta' din l-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Settembru, 2021;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Ottubru 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Xuereb", qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.